MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Kriminali Numru. 101/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Mizzi talli fl-24 ta’ Jannar 2004 ghall habta ta' 21:10hrs, f’St. Andrew’s Road, San Giljan

(1) saq il-vettura numru FAD-352 b’manjiera perikoluza;

(2) qal kliem oxxen jew kliem indecenti lil Carmel Vassallo.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mil-licenzi kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' mhux inqas minn tliet xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta’ April 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mario Mizzi hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50) u ssospendietu mil-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien xahar mid-data tas-sentenza;
Rat ir-rikors ta’ appell ta' Mario Mizzi pprezentat fis-26 ta’ April 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddkjarah mhux hati u tilliberah mill-imputazzjonijiet, htija u piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Mario de Marco ghall-appellant u Dott. Anthony Barbara ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid li l-aggravji tieghu jikkonsistu fis-segwenti:

"Illi l-esponenti fl-ebda mument ma saq l-imsemmija vettura manjiera perikoluza, tant illi hu kien wieqaf fit-traffiku jistenna wara l-karozzi ta' quddiemu u kien is-Sur Vassallo li b'manuvra azzardata saq b'mod perikoluz meta dan ipprova jaghmel manuvra ta' sorpass u jaqta' minn quddiem il-karozza tal-esponent sabiex jinzel minn triq fuq ix-xellug tieghu;

Illi l-esponenti fl-ebda mument ma qal kliem oxxen jew indicenti fil-konfront ta' Carmel Vassallo, izda pprotesta biss ghall-manuvra azzardata tas-Sur Vassallo kif ikkonfermat l-istess tfajla tal-esponent li kienet riekba mieghu."

Dawn l-aggravji jirrikjedu apprezzament tal-provi u effettivament din il-Qorti semghet mill-gdid ix-xhieda kollha li nstemghu quddiem l-ewwel Qorti.

Minn dawn il-provi jirrizulta li Carmel Vassallo kien gej mid-direzzjoni ta' St. Andrew's bl-iskop li minn fejn il-*lights* ta' Swieqi Bridge jdur ghal Bay Street biex iwassal it-tifla tieghu filwaqt li l-appellant kien gej minn Regional Road biex imur fid-direzzjoni ta' Paceville akkompanjat mit-tfajla tieghu. Kienet il-gurnata tas-Sibt f'hin ta' hafna traffiku. Minn fejn kien gej Carmel Vassallo hemm sinjal ta' *give way*. Carmel Vassallo xehed li hu kien diga` kwazi barra meta qaleb il-*lights*, gew il-karozzi b'kemm jimxu u l-appellant dahal quddiem il-karozza li kien hemm quddiem ix-xhud. Carmel Vassallo kompla jghid li ta' quddiemu daqqlu l-horn, waqaf u laqtu u nizlu mill-karozza; ghalhekk ma kellux triq ohra hlief li johrog minn warajh biex idur mieghu u jibqa' sejjer fi triqtu. Dam daqsxejn biex jaghmel din il-manuvra minhabba l-karozzi li kien hemm. Kif gie biex idur ma' l-appellant, dan qabad u saq u ghalaqlu l-passagg. Ix-xhud daqqlu l-horn u l-appellant kelmu hazin u telaq. L-appellant ikkonferma li dakinhar meta gie minn fuq il-*lights* habat ma' ta' quddiemu *bumper to bumper* pero` ma saritx hsara. Ikkonferma wkoll li kien hemm hafna traffiku. Pero` qal li Carmel Vassallo seta' jaqbzu minn naha ohra izda ried jaqbzu mil-lemin. Dak il-hin kien ser jibda jsuq, kien diga` startjat u s-sewwieq l-iehor kien rah li seta' jibda jsuq. L-appellant qal li l-kliem li uza fil-konfront ta' Vassallo kienu: "Fejn il-lostrina diehel?" ghax haseb li kien ser jolqtu. Erika Vassallo u Alexia Cutajar bazikament jikkorroboraw dak li xehdu Carmel Vassallo u l-appellant rispettivament, b'dan li Erika Vassallo tghid li l-appellant habat ma' ta' quddiemu u Alexia Cutajar tghid li semghu *brake* u ghalhekk harsu u raw lil Vassallo.

Fil-fehma ta' din il-Qorti li kellha l-opportunita` tisma' x-xhieda *viva voce*, il-verzjoni li ta Carmel Vassallo hija aktar attendibbli minn dik li ta l-appellant. L-appellant difatti kien diga` wera nuqqas ta' prudenza fis-sewqan tieghu meta habat ma' karozza ohra hekk kif kien ghadu kemm nizel minn hdejn il-*lights* biex imur fid-direzzjoni ta' Paceville. Il-fatt li kemm hu kif ukoll is-sewwieq tal-

karozza li kien habat maghha nizlu mill-karozzi rispettivi taghhom biex jispezzjonaw xi hsara setghet saret kien ifisser li l-karozzi l-ohra fit-triq kellhom bil-fors jimmanuvraw madwarhom biex ikunu jistghu jipprocedu fi triqithom. Jekk, kif qalet Alexia Cutajar, semghu *brake* u harsu ghax semghu *brake* dan ifisser biss li ma kinux harsu qabel, cioe` l-appellant ma kienx esplora t-triq biex jara jekk setax jibda miexi. Anke mix-xiehda tieghu stess l-appellant deher li ppretenda li la darba kien dahal lura fil-vettura tieghu dan kien ifisser li min kien ghaddej kellu jieqaf sakemm isuq hu: *"Jiena kont ser nibda nsuq, kont diga` startjat, jigifieri kien rani illi stajt nibda nsuq"*. Dak li din il-Qorti trid tiddetermina huwa jekk is-sewqan ta' l-appellant kienx perikoluz jew ta' xi grad inqas.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta’ Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

*“**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’ sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita’ ta’ sewqan ta’ dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta’ 1-imsemi artikolu 15 bhala sewqan ‘bi traskuragni kbira’. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta’ sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta’ traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m’ghandux jiehu minhabba l-probabbilita’ ta’ hsara li tista’ tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta’ perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta’ taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi 1-hin u l-lokalita’ ta’ l-incident u l-presenza o meno ta’ traffiku iehor jew ta’ nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f’kaz partikolari jista’ jaqa’ taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta’ sewqan, f’liema kaz*

*japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain,*** *Appell Kriminali, 21/5/96)".*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App.* ***Krim. Pul. vs Charles Bartolo,*** *14.3.59,* ***Pol. vs Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs Alfred Vella*** *[Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs Hardingham,*** *19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina,*** *20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])"..*

U fil-kuntest ta' dak li u *a proper look-out*, din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija** vs **Noel Gauci** deciz fil-25 ta' Marzu 2004 qalet hekk:

*"Gie appropositu ritenut li 'hu dover ta' driver <u>to see what is in plain view</u>' (Appell Kriminali:* ***Il -Pulizija vs Joseph Vella*** *[10.8.1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm <u>a proper lookout</u>' (Appell Kriminali:* ***Il-Pulizija vs J.M. Laferla*** *[17.6.1961]). Illi fi* ***Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd.*** *(1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:*

*‘Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead -* ***it includes awareness of what is happening in one’s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well’*** *(enfasi tal-Qorti)”.*

Fil-kaz in ezami ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li s-sewqan ta' l-appellant ma jistax jigi deskritt bhala perikoluz peress li m'hemm l-ebda evidenza ta' *"recklessness"* fis-sewqan tieghu. Mill-banda l-ohra m'hemm l-ebda dubju li s-sewqan tieghu ghandu jigi klassifikat bhala sewqan traskurat.

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tqis ukoll aktar verosimili dak li xehed Carmel Vassallo, cioe` li l-appellant effettivament uza kliem oxxen fil-konfront ta' dan Carmel Vassallo.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi: tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta u minflok issibu hati talli fl-24 ta' Jannar 2004 ghall-habta tad-9.10 p.m. f' St. Andrew's Road, San Giljan, saq il-vettura numru FAD-352 b'manjiera traskurata, tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni dedotta, tikkonfermaha wkoll in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' hamsin liri (Lm50), u finalment tirrevokaha in kwantu ssospendietu mil-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien xahar u minflok tiskwalifikah mil-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien tmint ijiem, liema perijodu jibda jiddekorri minn nofs-il lejl ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------